MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1433/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in-rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Mario Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u erbgha liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm904.91) rapprezentanti l-hlasijiet effetwati mis-socjeta attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' John's Garage

Limited u l-istess John’s Garage Limited vs Mario Zammit (Avv, Nru 2707/02/JR –deciza 28 ta’ Frar 2003), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomoblistiku li sehh fid-9 ta’ April 2002, gewwa Triq il-Gardiel, Zabbar bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numru ta’ registrazzjoni BAP 814 u l-vettura propjeta ta’ l-imsemmi John’s Garage Limited bin-numru ta’ registrazzjoni STV 003, u dan wara illi l-konvenut mhux talli kien taht l-influenza ta’ sustanzi tossici, talli wkoll naqas milli jinforma lis-socjeta attrici dwar l-istess incident u l-proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kien obbligat li jaghmel ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2003 u tal-Mandati Kawtelatorji prezentati kontestwalment ma l-avviz, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha mija u erbgha liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm904.91) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar 2003 u tal-Mandati Kawtelatorji prezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------